

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>**Kumpens għall-vittmi tal-kriminalità**
Kumpens għall-vittmi tal-kriminalità

Lussemburgu

Lingwi li bihom jistgħu jintbagħtu r-rikorsi

Skont l-Artikolu 11(1), il-Lussemburgu jaċċetta l-lingwi li ġejjin:

il-Lussemburgiż,

il-Franċiż u

l-Ġermaniż.

Formoli ta' rikors għall-kumpens

Fil-Lussemburgu, il-persuni li qegħdin jitolbu kumpens mhumiex meħtieġa jimlew formula speċifika.

Il-vittmi ta' reat jeħtieġu biss jibagħtu ittra li jkollha mniżżel id-data, il-post u d-dettalji tar-reat.

Huma għandhom jehmżu kopji tad-dokumenti kollha f'sostenn tat-talba ta' kumpens tagħhom (il-kopja tar-rapport tal-pulizija, kwalunkwe deċiżjoni tal-qorti li setgħet ingħatat, id-dokumenti ta' sostenn li jipprovaw l-inkapaċità għax-xogħol, id-diżabbiltà permanenti, iż-żieda fl-ispejjeż jew it-tnaqqis fid-dħul tagħhom, u dokumenti li jiddeskrivu d-diżabbiltà tagħhom, biex jiżguraw li huma jirċievu kumpens effettiv u adegwat mit-trasgressur).

L-aħħar aġġornament: 06/05/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.